# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Novembru 2001

Citazzjoni numru 1502/98 AJM

Kawza numru

Aaron u Oona ahwa Grech u Mary armla ta' Edwin Grech

Vs

Antonia Schembri

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' Lulju 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi l-konvenuta hija debitrici taghhom ghas-somma ta' LM1589.64 bilanc ta' somma akbar dovuta minnha ghal xiri ta' diversi kunsinni ta' zraben minghand l-attrici Mary Grech u zewgha Edwin illum mejjet u li tieghu l-atturi l-ohra huma eredi; illi l-konvenuta baqghet inadempjenti nonostante diversi interpellazzjonijiet u ma ghandhiex eccezzjonijiet validi x'taghmel talbu li din il-Qorti:-

1. tiddecidi l-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura;
2. tikkundanna l-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' LM1589.64.

Bl-ispejjes inkluzi tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju 1998 kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuta presentata fl-10 ta' Dicembru 1999 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta b'gheluq 18-il xahar.
2. Illi l-ammont mitlub mhux dovut kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Frar 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta' April 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Mejju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq talba ta' l-atturi billi l-konvenuta ghat-tielet darba naqset li tidher u ma resqitx provi.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-atturi huma eredi ta' Edwin Grech, negozjant, li kien jimporta zraben u kellu bhala klienta lill-konvenuta li kienet tixtri ghan-negozju taghha. Meta Edwin Grech miet l-attur sabu li fil-kotba tieghu kien hemm bilanc favur tieghu mill-konvenuta fis-somma ta' LM1589.64,6 kif jidher mill-kopja tal-ledger dettaljat li gie ezebit. Kien ghalhekk li l-atturi avvicinaw lill-konvenuta xi xahrejn wara l-mewt ta' Edwin Grech u talbuha thallas l-ammont dovut. Din fil-bidu cahdet li kellha thallas dak l-ammont kollu izda ammettiet ammont inqas u cioe cirka LM800, izda ma hallsitx u f'okkazzjonijiet ohra meta l-atturi marru ghandha ghal hlas din kull darba tnaqqas l-ammont u finalment qaltilhom li ma kellha thallas xejn izda dan minghajr ma ipproduciet ebda dokumenti in sostenn ta' dak li kienet qed tallega.

L-atturi xhedu daqstant bil-gurament u anke pprezentaw kopja tal-ledger filwaqt li l-konvenuta la qatt dehret u lanqas ma resqet provi in sostenn tal-eccezzjoni taghha u ghalhekk din ghandha tigi michuda.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni din ma tirrizultax billi jidher li kien hemm arrangament bejn il-konvenuta u l-mejjet Edwin Grech li l-merkanzija tithallas ftit ftit hekk kif issir il-konsenja. Jirrizulta mid-dokument ezebit li l-ahhar pagament sar fl-4 ta' Dicembru 1997 u cioe cirka seba' xhur biss qabel ma giet prezentata din il-kawza li itterrompiet kull preskrizzjoni li kienet mixja. Fi kwlaunkwe kaz billi dan il-kreditu jikkoncerna bejgh bil-grossa, il-preskrizzjoni applikabbli ghal kaz hija dik ta' hames snin, li certament ma ddekorrietx.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tilqa' t-talbiet attrici billi konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf hames mija disa' u tmenin

lira maltin erbgha u sittin centezimu (LM1589.64) bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuta.

Onor Imhallef Albert J. Magri